

## Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralij jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO u lill-parti l-oħra, jekk din tintervjeni f'din il-kawża, għall-ispejjeż.

## Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009.

## Rikors ippreżentat fis-6 ta' Lulju 2022 – Colombani vs SEAE

(Kawża T-414/22)

(2022/C 318/60)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

## Partijiet

Rikorrent: Jean-Marc Colombani (Auderghem, il-Belġju) (rappreżentant: N. de Montigny, avukat)

Konvenut: Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE)

## Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ĝeneralij jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tat-13 ta' Ottubru 2021 tad-Direttur tar-Riżorsi Umani li bagħtet lir-rikorrent sett ta' CVs iċċensurati li ġew ippreżentati abużivament bħala li jikkorrispondu mal-impenn meħud mis-SEAE taħt il-ftehim tas-SEAE tad-9 ta' Frar 2021;
- tannulla l-ftehim milħuq fid-9 ta' Frar 2021 fil-Kawża T-507/20 għal difett ta' kunsens u nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet tiegħu mis-SEAE;
- tannulla, sa fejn ikun meħtieġ, id-deċiżjoni tad-Direttur Ĝeneralij tar-Riżorsi tas-SEAE tad-29 ta' Marzu 2022 li tiċħad l-Ilment R/618/21 imressaq mir-rikorrent kontra n-nuqqas ta' twettiq ta' waħda mill-klawżoli essenzjali tal-ftehim milħuq fid-9 ta' Frar 2021 fil-Kawża T-507/20 li kien jipprevedi li s-SEAE jibgħat lir-rikorrent “l-elementi marbuta mal-kwalifik u l-esperjenza professionali tal-kandidati kkunsidrati mill-bord ta' preselezzjoni bħala li jikkorrispondu l-aħjar mal-kriterji ta' preselezzjoni għal proċeduri stabbiliti spċifikati mill-ftehim”;
- tikkundanna lill-partijiet l-oħra fil-proċedura għall-ispejjeż.

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu kontra d-deċiżjoni dwar it-talba għal aċċess għad-dokumenti, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq żball ta' liġi fl-interpretażżjoni tal-kunċett ta' data personali u fl-interpretażżjoni tar-Regolamenti 2018/1725 (¹) u 1049/2001 (²), użu ħażin ta' poter u interpretazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Anness III tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-“Regolamenti tal-Persunal”) inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq in-nuqqas ta' osservanza tal-Artikolu 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-ksur tal-Artikolu 45 tar-Regolament 2018/1725 peress li l-limitazzjoni tad-dritt ta' aċċess tikser il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba, id-dritt għal smiġi xieraq, ta' opportunitajiet ugħalli għall-partijiet, id-dritt għal rimedju effettiv u twaqqaf ta' kull stħarriġ għudizzjarju tal-atti kontenjuži.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq iċ-ċaħda tal-argument tas-SEAE li sempliċement jinvoka r-rinunzja tal-ilment mingħajr ma jindirizza l-mertu tal-ilment ippreżentat u n-nuqqas ta' motivazzjoni għaċ-ċaħda tal-ilment ibbażat fuq l-illegalità tar-restrizzjoni tad-dritt ta' aċċess imwettqa.

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq nuqqas ta' notifika u ksur tar-Regolamenti tal-Persunal minħabba l-preġudizzju u l-kunflitt ta' interessa tal-awturi tad-deċiżjonijiet ikkōntestati.

Insostenn tar-rikors intiż għall-annullament tal-ftehim bonarju u r-renunzja tal-Kawża T-507/20, ir-rikkorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, invokat prinċipalment, ibbażat fuq il-frodi u l-invalidità tal-ftehim li sar fil-kuntest tal-Kawża T-507/20.

2. It-tieni motiv, invokat sussidjarjament, ibbażat fuq in-nuqqas ta' konformità mal-ftehim u l-użu abużiv tal-awtorità ta' *res judicata* mis-SEAE.

(<sup>1</sup>) Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-ištutzzjoni, korpi, ufficiċċi u aġenċiji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU 2018, L 295, p. 39).

(<sup>2</sup>) Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

### Rikors ippreżentat fis-6 ta' Lulju 2022 – Intel Corporation vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-417/22)

(2022/C 318/61)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrent: Inter Corporation Inc. (Wilmington, Delaware, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: D. Beard, J. Williams, Barristers-at-Law u B. Meyring, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

#### Talbiet

Ir-rikkorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġogħha:

a. tikkundanna lill-Kummissjoni tħallas kumpens ta' EUR 593 177 661,75, li jikkorrispondi għal: interassi moratorji fuq l-ammont prinċipali ta' EUR 1 060 000 000 bir-rata ta' finanzjament mill-ġdid tal-BĊE applikabbli fl-ewwel jum tal-kalendaru tax-xahar li fis-ġiet adottata d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 3726 finali tat-13 ta' Mejju 2009 fil-Każ COMP/C-3/7.990 Intel (iktar 'il quddiem id-“Deċiżjoni”), (jiġifieri 1,25 %), miżjudha bi 3.5 punti perċentwali (jew, fin-nuqqas ta' dan, b'rata tal-interassi meqjusa xierqa mill-Qorti tal-Ġustizzja), għall-perijodu mit-13 ta' Awwissu 2009 (id-data tal-ħlas provviżorju tal-multa minn Intel) sal-25 ta' Frar 2022 (id-data tal-ħlas lura tal-ammont prinċipali tal-multa mill-Kummissjoni), u mnaqqas bl-ammont ta' interassi diġà mħallas lil Intel mill-Kummissjoni ta' EUR 38 059 598,52;

b. tikkundanna lill-Kummissjoni tħallas l-interassi fuq l-ammont mitlub fil-punt (a) iktar 'il fuq għall-perijodu mill-25 ta' Frar 2022 (id-data tal-ħlas lura tal-ammont prinċipali tal-multa mill-Kummissjoni), jew, sussidjarjament, mit-28 ta' April 2022 (id-data tal-ewwel rikors ta' Intel għall-ħlas tal-interassi), jew mis-6 ta' Lulju 2022 (id-data ta' dan ir-rikkors), jew iktar sussidjarjament, mid-data tal-ġhoti tas-sentenza f'din il-kawża, sad-data li fiha l-Kummissjoni effettivament tħallas l-ammont abbażi ta' sentenza li tilqa' dan ir-rikkors, bir-rata tal-interassi applikata mill-BĊE għall-operazzjoni jiet ta' finanzjament mill-ġdid miżjudha bi 3,5 punti perċentwali jew, fin-nuqqas ta' dan, b'rata tal-interassi meqjusa xierqa mill-Qorti tal-Ġustizzja;